MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 917/2009

**Malta Shipyards Limited f`isimha u ghan-nom ta` Manoel Island Yacht Yard ; u b`ordni tal-Qorti tat-22 ta` Novembru 2010**

**l-kawza ser titkompla minn**

**John Busuttil stante li s-socjeta` rikorrenti hija fi stadju ta` stralc**

***kontra***

**M.Y. NAUTONNIER**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat illi l-kumpannija attrici pprezentat rikors guramentat fit-23 ta` Settembru 2009 li kien jaqra hekk :-

*1. Illi l-esponenti tinsab kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta` tmintax-il elf tliet mija u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€18,340.79) bilanc tal-prezz, inkluz VAT, ta` xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija lill-istess bastiment M.Y. NAUTONNIER fuq inkarigu tar-rapprezentanti tieghu, kif jidhru dettaljati fl-invoice datata 5 ta` Ottubru 2006, u s-sales statement datat 16 ta` April 2007, hawn annessi u markati Dokumenti A u B rispettivament ;*

*2. Illi minkejja li l-fattura msemmija ntbaghtet lir-rapprezentanti tal-bastiment, u inoltre l-esponenti nterpellat diversi drabi lill-istess bastiment sabiex ihallas il-bilanc hekk dovut, huwa baqa` inadempjenti ;*

*3. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti l-bastiment konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.*

*Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tista` tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha :*

*i. Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170tal-Kodici tal-Procedura Civili ; u*

*ii. Konsegwentement tordna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lill-esponenti s-somma ta` tmintax-il elf tliet mija u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€18,340.79); u b`nota tat-23 ta` Mejju 2012 l-ammont gie ridott ghal tmintax-il elf tliet mija u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€18,340.79); bilanc tal-prezz, inkluz VAT, ta` xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija lilu kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar numru 1494/09 u tal-mandat ta` qbid prezentat kontestwaLment ma` dan ir-rikors guramentat u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk dovuti skont l-artikoli 2A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc u d-direttiva 2000/35EC, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-bastiment konvenut, li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti li pprezentat mar-rikors promotur.

Rat ir-rikors, konfermat bil-gurament, li pprezenta Robert Patterson fil-15 ta` Ottubru 2009 fil-vesti tieghu ta` *resident agent* ta` sidien registrati tal-bastiment konvenut.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta` Novembru 2009 fejn tat lill-intimat il-fakolta` li jipprezenta risposta guramentata.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta` Dicembru 2009 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Yvette Cassar sabiex tigbor il-provi.

Rat il-provi li kienu prezentati fil-kors tal-kawza.

Rat in-nota prezentata fit-23 ta` Mejju 2012 li permezz taghha t-talba attrici originali kienet ridotta ghal €18,340.79.

Rat is-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta` Mejju 2012 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni ta` Robert Patterson bhala *resident agent* ta` sidien registrati tal-bastiment konvenut.

Rat il-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Lulju 2012 fejn ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata ta` Robert Patterson fil-15 ta` Ottubru 2009 bhala *resident agent* ta` sidien registrati tal-bastiment konvenut.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta` Lulju 2012 fejn tat permess lill-bastiment konvenut sabiex jappella mill-provvediment taghha tal-10 ta` Lulju 2012.

Rat id-digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Frar 2013 fejn, in vista tal-fatt illi l-bastiment konvenut ma kienx ikkawtela l-appell, iddikjarat dezert l-appell.

Rat il-verbal tal-udjenza ta` din il-Qorti hekk kif presjeduta tas-16 ta` Gunju 2014 fejn kienet infurmata mill-Assistent Gudizzjarju illi l-gbir tal-provi kien maghluq.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlet id-difensur tas-socjeta` attrici fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2014.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**I. <u>Sintesi tal-provi</u>**

**<u>Chris Bell</u>** kien ic-Chief Executive Officer tas-socjeta` attrici bejn Gunju 2005 u Lulju 2009. Xehed illi l-Manoel Island Yacht Yard tappartjeni lis-socjeta` attrici. Il-bastiment konvenut kien avvicina lil Manoel Island Yacht Yard fl-2005 ghal xogholijiet. Dak iz-zmien il-bastiment kien rapprezentat mill-Kaptan Trotz ; dan ghamel l-ordnijiet tax-xogholijiet u kien isegwi l-andament tax-xogholijiet. Ghalkemm t-tmexxija ta` kuljum ta` Manoel Island Yacht Yard kienet fdata lil Victor White, huwa kien jinzamm infurmat bix-xogholijiet li kienu jsiru.

Kompla jghid illi x-xoghol ordnat mill-Kaptan Trotz kien jinvolvi kemm xoghol specjali, kif ukoll "*a general refit of the boat*". Ix-xoghol tlesta bejn Settembru 2005 u Gunju 2006. Il-Kaptan Trotz inghata rendikont tax- xogholijiet f`Gunju 2006. F`Mejju 2006, il-Kaptan iLmenta dwar xoghol li kien sar. Huwa ordna li jsir rapport biex issir kjarifika tad-diffikultatjiet u tal-problemi li kienu riskontrati waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol. L-iLmenti kienu jirrigwardaw il-"*fibreglass upper deck bulwarks*" u "*davit boom*" li kienet estensjoni ta` crane ezistenti. Ix-xoghol li dwaru sar l-iLment sar fuq struzzjonijiet tal-Kaptan.

Stqarr illi fit-23 ta` Gunju 2006 huwa ltaqa` ma` Robert Patterson fuq il-bastiment. Safejn jaf hu, il-bastiment kien proprjeta` ta` kumpannija registrata fil-

Bahamas u li l-azzjonisti taghha kienu ulied Robert Patterson. Dan tal-ahhar kien *resident agent* go Malta tal-kumpannija. Ghal din il-laqgha kienu prezenti wkoll il-General Manager Victor White u l-Production Manager David Church ; il-Kaptan Trotz ma kienx prezenti. L-iskop tal-laqgha kien li jigu trattati l-iLmenti li kienu saru. Waqt il-laqgha huwa sar jaf li Robert Patterson ma kienx kuntent bil-Kaptan Trotz, ghalkemm kien sodisfatt bix-xogholijiet li saru. Waqt dik il-laqgha, kienu miftehma xogholijiet addizzjonali li kellhom isiru. L-unika problema li kien hemm kienet li Patterson kien qed jinsisti li d-dghajsa kellha tithalla fil-Cottonera Grand Harbour Marina sakemm isiru x-xogholijiet. Dan il-fatt kien johloq problemi ghax id-dghajsa kemm –il darba kienet tbahhar minn Malta u ghalhekk kien ikun difficli biex jinstabu dati meta seta` jsir ix-xoghol.

Xehed illi l-hlas dovut lis-socjeta` attrici baqa` pendenti. Fix-xahar ta` April 2007 saret laqgha ohra ma` Patterson. Dan iLmenta li kien hemm xogholijiet li l-Kaptan Trotz kien ordna bla ma kien awtorizzat. Huwa nforma lil Patterson li s-socjeta` attrici ma kellhiex tkun involuta fid-dizgwid tieghu mal-Kaptan Trotz. Fil-laqgha Patterson accetta li jsir il-hlas ghax-xoghol li fil-fehma tieghu kien sar sew izda ma riedx ihallas ghal xoghol iehor li kien qed jiLmenta dwaru partikolarment il-*fibreglass bulwark*. Patterson kien insista li dak ix-xoghol kellu jsir mill-gdid. Ix-xhud ikkonferma li sabiex jasal ghal soluzzjoni amikevoli, u wara li kien stabbilit li din kienet l-unika kontestazzjoni, huwa offra kreditu favur il-bastiment ghall-prezz tax-xogholijiet li Patterson kien qed joggezzjona dwarhom. Patterson accetta l-offerta ; il-kreditu kien ta` Lm 6,230 inkluza VAT ghas-saldu. Patterson accetta li jeffettwa hlas lis-socjeta` attrici b`riduzzjoni ta` LM 6,230.

Kompla jghid illi wara din il-laqgha, is-socjeta` attrici rrilaxxjat il-kreditu ta` Lm 6,230 a favur il-vapur. Fil-pront wara huwa rcieva ittra datata 26 ta` April 2007 minghand Patterson fejn dan beda jqajjem iLmenti godda fuq xogholijiet ohra. L-ittra ghalih kienet sorpriza. Fl-ittra, ghall-ewwel darba, Patterson sostna li l-bastiment kien `*a commercial vessel*` u ghalhekk ma kienx dovut hlas ta` VAT fuq il-prezz tax-xoghol. Fl-ittra Patterson, ghalkemm irrefera ghal certifikat tal-bastiment dwar ir-registrazzjoni kummercjali taghha, ma pprezentax kopja tac-certifikat. Fl-istess ittra Patterson ippretenda li ladarba id-dghajsa kienet VAT *exempt*, il-bilanc li kien ghad fadal x`jithallas kien ta` Lm 2,358. Il-bastiment konvenut ma hallas xejn.

Temm jixhed illi s-socjeta` attrici kienet obbligata tircievi l-VAT fuq id-dghajjes kollha hlief ghal dawk li jipprezentaw certifikat ufficjali ta` registrazzjoni kummercjali.

**<u>Ivan Borg</u>** xehed illi huwa kien *finance executive* tas-socjeta` attrici ; kien ukoll *company secretary* sa Frar 2008. Qal illi l-kumpannija kienet iddecidiet li tiddelega l-*legal and judicial representation* lil numru ta` ufficjali. Huwa kien inghata din il-*legal and judicial representation* tal-kumpannija b`decizjoni tal-Bord ta` l-24 ta` Frar 2006. Numru ta` *executives* u *managers* ohra li kellhom responsabilitajiet skond il-kariga taghhom. Malta Shipyards waqfet topera u fid-9 ta` Awissu 2010 inhatar stralcjarju. Id-decizjoni li jkun il-*legal representative* qatt ma giet revokata ; ghalhekk baqa` jirrapprezenta lill-kumpanija sa meta kien appuntat l-istralcjarju.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Bhala fatt jirrizulta li l-bastiment konvenut huwa **<u>kontumaci</u>** fil-procediment tal-lum.

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Ottubru 2013 fil-kawza "**<u>Valletta Service Station Limited vs Carmelo Agius et</u>**", din il-Qorti (**<u>PA/JPG</u>**) qalet hekk :-

*"Il-kontumacja ma tekwivalix u ma tfissirx ammissjoni. Ghal-kuntrarju l-kontumacja tfisser oppozizzjoni bil-konsegwenza li l-attur xorta wahda ghandu l-oneru li jipprova dak minnu allegat sal-grad rikjest mill-ligi. (vide sentenza fl-ismijiet "F. Advertising Limited vs Tano Farrugia et" deciza fit-30 ta` Novembru 2011, App. Inf. per Onor Imh. Dr. R. Pace ; ara wkoll senetenza fl-ismijiet "Visual and Sound Communications Limited vs Mario Camilleri et", deciza fit-28 ta`Frar 2002 u s-sentenza "Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa" deciza fit-12 ta` Lulju 2001 per Onor Imh. Dr. R Pace)"*

Fl-istess vena kienet is-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/AF</u>**) tal-5 ta` Frar 2014 fil-kawza "**<u>Christian Casingena et vs C & M Contractors Limited</u>**" meta rrilevat illi :-

*"Jibda biex jinghad li, ghalkemm ma tressqet ebda twegiba ghall-kawza, din il-Qorti hija xorta wahda fid-dover li tifli l-provi kollha prodotti mir-rikorrenti galadarba huwa ben risaput li l-kontumacja fil-ligijiet ta` Malta ma tfissirx ammissjoni tat-talbiet izda jibqa` dejjem jinkombi fuq irrikorrenti li jipprova li t-talbiet tieghu huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt."*

Ghal dak li huma provi, is-socjeta` attrici ressqet bhala prova l-invoice nru. 38416424 datata 5 ta` Ottubru 2006 riportanti l-ammont ta` LM 23,430.08c. Maghha kien ipprezentat statement of account datat 16 ta` April 2007 li fil-kontenut tieghu jaqbel mal-kontenut tal-imsemmija invoice. Jirrizulta bilanc dovut lis-socjeta` attrici fl-ammont ta` €18,340.95. L-statement of account jikkombacja wkoll mad-dokumenti ezebiti bhala Dok MSL2 ossija r-ricevuti fiskali tal-hlasijiet akkont effettwati mill-bastiment konvenut, kif ukoll mad-dokument ezebit bhala Dok MSL3, ossija l-credit note mahruga lill-bastiment konvenut. Kien esebit ukoll statement of account a fol 92 tal-process li jaqbel ma` dawn id-dokumenti kollha. Meta jitqiesu l-pagamenti akkont kollha li saru, u anke l-credit note li harget is-socjeta` attrici sabiex tasal ghal ftehim, il-bilanc dovut baqa` dak ta` €18,340.95.

Apparti l-provi dokumentarji, xehdu wkoll Chris Bell u Victor White li t-tnejn li huma kkonfermaw li kien sar xoghol fuq il-bastiment konvenut, u li kien ghad fadal dak il-bilanc x`jithallas. Kienet prezentati wkoll kopji tal-*purchase orders* tax-xogholijiet in kwistjoni (Dok VW1 sa Dok VW13). L-ittra Dok MSL4 a fol 83 tkompli ssostni l-verzjoni ta` Chris Bell. Fl-istess waqt xi allegazzjonijiet kontenuti f` dik l-ittra fosthom li kien hemm xoghol li kellu jerga` jsir ghax ma kienx ezegwit tajjeb, jew li ma kellhiex tigi addebitata l-VAT billi l-bastiment kien `*commercial vessel*` baqghu ma gewx ippruvati minn min ghamel dawk l-allegazzjonijiet, u cioe` mill-bastiment konvenut, u ghalhekk sejrin jigu skartati mill-Qorti.

Fil-kors tal-kawza, l-ammont pretiz kien ridott bi ftit ghal €18,340.79. Il-Qorti hija sodisfatta li dak l-ammont ghadu dovut mill-bastiment konvenut.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru mill-avukat tas-socjeta` attrici.

Ladarba l-eccezzjonijiet tal-bastiment konvenut kienu sfilzati wara decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta li ghaddiet in gudikat, din il-Qorti ma tistax taghti konsiderazzjoni lid-difiza li l-bastiment konvenut kien ghamel kontra t-talba attrici.

Bil-bastiment konvenut fi stat ta` kontumacja, l-obbligu tal-Qorti huwa li taccerta ruhha li s-socjeta` attrici ppruvat kif stabbilit mil-ligi u sal-grad rikjest mil-ligi l-pretensjoni taghha ghal hlas minghand il-bastiment konvenut.

Il-Qorti hija *ex lege* prekluza milli taghti konsiderazzjoni ghal kwistjonijiet ta` preskrizzjoni billi l-preskrizzjoni mhijiex sollevabbli mill-Qorti *ex officio.*

<u>Materja partikolari ta` natura legali</u>, li allura hija relattiva fil-kuntest tal-provi akkwisti, hija jekk is-socjeta` attrici setghetx tressaq azzjoni *in rem* meta l-krediti taghha kienu jaghtu lok ghal azzjoni *in personam*.

Meta kien istitwit dan il-procediment, kienu japplikaw l-emendi ghall-Kap 12 li kienu introdotti bl-Att XIV tal-2006. Fl-<u>**Art 742B(p)**</u> insibu illi :

*"Bla ħsara ta` fejn il-liġi espressament tiddisponi xort`oħra, il-qrati ċivili f`Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin … kull pretensjoni rigward il-kostruzzjoni, il-kostruzzjoni mill-ġdid, it-tiswija, il-konversjoni jew l-ekwipaġġar ta` vapur"*

Il-pretensjoni attrici taqa` fl-ambitu ta` din id-disposizzjoni.

Ghar-rigward tat-talba attrici kif dedotta ghall-hlas tal-imghax, il-Qorti tirrileva li l-**Art 26A sa 26E tal-Kap 13** dahlu fil-ligi taghna fl-1 ta` Lulju 2005 bhala effett tal-A.L. 233 tal-2005 li ghamel *transposition* tad-Direttiva 2000/35/EC. Meta saret din il-kawza, skond l-Art 26C(2), jekk ma tkunx giet stabbilita d-data jew zmien ghal hlas fil-kuntratt, kull imghax kellu jkun dovut ghall-hlas awtomatikament minghajr ebda htiega ta` twissija (i) tletin (30) gurnata wara d-data meta d-debitur jircievi fattura jew talba ekwivalenti ghall-hlas ; jew (ii) jekk id-data meta tasal il-fattura jew it-talba ekwivalenti ghall-hlas ma tkunx wahda certa, tletin (30) gurnata wara d-data tal-wasla tal-merkanzija jew l-ghoti tas-servizzi.

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li x-xoghol kien tlesta sa meta harget l-invoice tal-5 ta` Ottubru 2006. Ma hemmx prova tad-data meta l-bastiment ircieva l-fattura. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis li t-tletin (30) gurnata stipulati fil-ligi kif kienet vigenti dak iz-zmien bhala li bdew jiddekorru mill-5 ta` Ottubru 2006.

Billi x-xogholijiet in kwistjoni kienu ezegwiti fuq bastiment, dawk ix-xogholijiet jikkostitwixxu att ta` kummerc skond l-**Art 5(f) tal-Kap 13** ; ghalhekk dawk kienu operazzjoni kummercjali koperti bl-Art 26A sa 26E tal-Kap 13. Din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz tal-lum kienu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 26(C)(3) fis-sens illi l-kreditur ghandu jedd ghall-imghax minhabba hlas tardiv sakemm ikun wettaq l-obbligazzjonijiet kontrattwali u legali tieghu, u ma jkunx ircieva l-ammont fil-hin dovut, kemm –il darba d-debitur ma jkunx responsabbli ghad-dewmien.

Ir-rata ta` imghax ghal hlas tardiv li d-debitur bastiment ghandu jhallas hija r-rata ta` mghax kif imfissra fl-Art 26A ossija r-rata ta` referenza li tkun fis-sehh fl-ewwel jum kalendarju tan-nofs sena meta l-imghax isir dovut, b`zieda ta` 7%.

Ir-rata ta` referenza tfisser ir-rata ta` intervent centrali stabbilita mill-Gvernatur tal-Bank Centrali kif tkun fis-sehh fl-ewwel jum kalendarju tan-nofs sena meta l-imghax isir dovut u li jkun japplika ghas-sitt xhur li jigu wara.

Ir-rata ta` intervent centrali stabbilita mill-Gvernatur tal-Bank Centrali ghal Ottubru 2006 kienet ta` 3.75%.

Ghalhekk l-imghax dovut huwa ta` 10.75%.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lill-attur John Busuttil bhala stralcjarju tal-kumpannija Malta Shipyards Limited f`isimha u ghall-Manoel Island Yacht Yard is-somma ta` tmintax-il elf tlett mija u erbghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€18,340.79c), bilanc minn somma akbar, prezz ta` xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija lill-istess bastiment, bl-imghax annwu ta` ghaxra punt sebgha hamsa fil-mija (10.75%) skond il-ligi b`effett mill-5 ta` Novembru 2006 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din kawza komprizi dawk tal-Mandat ta` Arrest ta` Bcejjec tal-Bahar Nru 1494/09, u dawk tal-Mandat ta` Qbid li kien prezentat kontestwaLment mar-rikors guramentat fit-23 ta` Settembru 2009.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------